# Il-logħob tan-Nar u l-Fratellanza tas-Sagrament

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela B.A. (Hons.); Lic.D., H.E.L.
Twaqqif tal-Fratellanza tas-Sagrament



Meta Mons. Pietru Dusina, il-Viżitatur Appostoliku, kien qiegħed iżur il-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun fl-1575, hu waqqaf fil-knisja ta' Santa Marija ta' Bisqallin il-Fratellanza tas-Sagrament Imqaddes. Fil-fatt din mhux biss kienet l-ewwel fratellanza mwaqqfa fiż-Żejtun, iżda ukoll dejjem baqgħet l-aqwa u l-aktar popolari fost il-fratellanzi kollha ta' din il-parroċċa. Il-membri tagħha kellhom storja twila, kultant imqallba żżejjed, bħal meta kellhom inkwiet kbir mal-kappillan Dun Franġisk Maria Xuereb. Fi żmien Dusina, l-ewwel membri ta' din il-fratellanza kienu Wiġi Cassar, Duminku Cassar, Ljuni Carbun, Masu Caruana, Wenzu Dalli, Beneditt Caruana, Salvu Caruana, Beneditt Calleja, Ġakbu Tabuni, Kastru Cassar, Cosmandu Bonnici, Ambroġ Azzopardi, Franġisk Abela, Ġużeppi Iannensis, Ġużeppi Caruana u Dijoniżju Caruana. Minn dawn kollha kienu Wiġi u Duminku Cassar li ġew magħżula biex ikunu l-ewwel retturi tal-fratellanza għal-sena (1).

### Fratellanzi ħabrieka

Matul is-snin din il-fratellanza kien ikollha l-aħjar fost l-abitanti taż-Żejtun bħala membri tagħha, li aktarx kienu jkunu wkoll retturi. Ħafna saċerdoti Żwieten kienu jkunu membri tagħha. Fl-1758 bħala rettur kellha lill-istess Inkwiżitur u Legat tal-Papa, Mons. Gregorio Salviati (1754 - 1760). Ħafna kienu l-opri li ħalliet fiż-Żejtun din il-fratellanza, iżda żgur li l-aqwa opra tagħha kien l-Oratorju tas-SS.mu Sagrament, fejn il-membri kienu jiltaqgħu biex jitolbu flimkien u jxerrdu d-devozzjoni lejn Ġesu' Sagramentat. Erba' kelmiet fuq pilastru b'għamla ta' sfera hekk jgħidu dwar il-bini tiegħu u l-iskop tal-fratellanza meta bnietu: "Kien mibdi fis-sena 1743 u mitmum fis-sena 1746, għall-grazzja t'Alla u t'Ommna Marija". U n-naħa l-oħra: "Ikun imfaħħar u mgħolli is-SS.mu Sagrament ta' l-Ewkaristija". Fil-bini ta' dan l-oratorju ħadem Mastru Annunziato Cachia u waħda mill-ewwel benefatturi kienet Maria Bianco, li ħalliet legat ta' 125 skud biex jibda l-bini ta' dan l-oratorju, fi żmien meta ħuha Giacomo Bianco kien prokuratur tal-fratellanza. Dan Giacomo Bianco kien bennej gwapp li fis-snin 1718 -22 ħadem fil-bini tal-knisja taż-Żejtun u wara fl-Oratorju tal-Kurċifiss ta' Bormla. L-Oratorju taż-Żejtun fih arkitettura mill-isbaħ fuq stil barokk, u sett ta' sitt kwadri dwar episodji mit-Testment il-Qadim impittra mill-famuż Francesco Zahra fl-1765. Il-kwadru titulari, li sar flok ieħor li llum qiegħed fil-Mużew Parrokkjali, jirrappreżenta lil Ġesu' Iqarben lill-Appostli.

### In-Nar fil-Festa ta' Corpus fis-Seklu 18

Iżda l-Fratellanza tas-Sagrament fiż-Żejtun ma kienx ħsiebha biss fil-bini u t-tiżjin tiegħu b'opri artistiċi fis-seklu 18. Fl-istess żmien hi

kienet qed torganizza festi u ċelebrazzjonijiet f'ġieħ Ġesu' Sagramentat. Mhux ta' b'xejn illi sa minn dawk is-snin imbiegħda nsibu fir-reġistru tagħha diversi riferenzi għall-Festi tal-Ġisem Imqaddes ta' Ġesu' (Corpus Christi), għas-sigħat ta' Adorazzjoni Perpetwa (Kwaranturi), għall-Aħħar u l-Ewwel Jum tas-Sena, u għal ċelebrazzjonijiet oħra. Iżda ħaġa li ma tistennihiex hu l-fatt li ukoll f'dawn il-festi, il-Fratellanza kienet tagħmel użu mill-isparar u l-logħob tan-nar, għalkemm b'mod xi ftit limitat. Nibdew mill-akbar festa tagħha, dik ta' Corpus Christi, festa li l-Fratellanza kienet torganizza, bejn wieħed u ieħor, fix-xahar ta' Ġunju. L-ewwel riferenza li ltqajt magħha jien rigward in-nar tmur lura għall-Festa ta' Corpus tas-sena 1749, meta allura l-bini ta' l-oratorju kien tlesta, iżda mhux it-tiżjin tiegħu. F'dik is-sena l-prokuraturi tal-Fratellanza kienu Angelo Attard u Francesco Mifsud li per la festivita' di Corpus Christi ħallsu scudi tre, tari undici e grani dieci pagati per polvere (2). Fl-1755 il-prokuraturi Gio Maria Abela u mill-ġdid Angelo Attard ħallsu scudi sei, tari uno e grano uno, prezzo di dieci rotoli di polvere per la festivita' del Corpus Domini (3) tari quattro pagati a Giacomo Mangion per sparare i mascoli (4). U s-sena ta' wara, Ugolino Azzopardo u għal darb' oħra Angelo Attard nefqu tari tre e grani cinque per portatura delli mascoli (5). U fl-1757 ħarġu tari uno per copia del decreto di monsignore per i mascoli (6). Kurjuża din! Mela biex jisparaw ftit maskli ukoll kellhom bżonn permess ta' l-Isqof? Hekk jidher li kien isir. Fil-bidu tas-seklu 20 il-prokuratur kiteb Occorrendo nei giorni 12, 13 e 14 corrente la festa di Corpus Domini, il-Procuratore Sac. Felic Micallef prega l'Ecc. Illus.ma voler permettegli nei detti giorni lo sparo dei mortaletti. Niltaqgħu wkoll ma' scudi due, tari undici, prezzo d'una pesa (sic) di polvere u tari sette, grani dieci per affitto e portaturi di mascoli (7). Mela l-maskli kienu jikruhom, għaliex hekk tfisser il-kelma affitto? F'Ottubru tal-1775 il-prokuratur ħallas is-somma ġmielha ta' sittax-il skud u tmien tari per venticinque rotoli di polvere. Fl-istess sena hu għamel esito di scudi 25 dati ad Alfonso Mifsud che il medesimo Mifsud aveva speso in cinque mascoli di bronzo, oltre quelli regalati gratis dal medesimo Mifsud, Clemente Busuttil ed Alessandro Cutajar. Fl-aħħar il-Fratellanza għamlet il-maskli tagħha! Ħamsa u għoxrin skud żgur li ma kenitx somma ċkejkna għal dak iż-żmien, barra xi maskli li ngħataw b'xejn kif tgħidilna din is-silta. Fl-1758 il-prokuratur ħallas lil Giorgio Borg per lo sparo di mortaletti. Dettal ieħor li joħroġ minn dawn il-manuskritti hu li l-isparar


Per sparare li mascoli in tutta l'otta-
va scudo uno, tari uno — 1.1.–

Per sparare li mascoli in tutta l'ot
tava — — 10.

**OSSEWA L-PROKURATUR TAL-FRATELLANZA TAS-SAGRAMENTKIENU KULL SENA FIS-SEKLU 18 IHALSU L-FLUS GĦALL-ISPARAR TAL-MASKRI FL-OTTAVA ĦOLLHA (IN TUTTA L'OTTAVA) TA' CORPUS**

kien isir, mhux biss nhar Jum Corpus Christi, iżda saħansitra matul l-Ottava kollha. Dari kienu joħorġu l-purċissjonijiet għal ġimgħa sħiħa wara Jum Corpus. F'Ġunju 1774 ħallsu per sparare i mascoli in tutta l'Ottava di Corpus. Il-prokuratur Mariuzzo Mifsud fl-1776 ħallas għaxar tari per sparare i mascoli in tutta l'Ottava (8), u l-istess għamel is-sena ta' wara (9).

## Mons. Pawlu Cachia Abela u n-Nar

L-isparar tal-maskli ma kienx isir fil-Festi ta' Corpus fis-seklu 18 biss, iżda kompla jsir ukoll fis-sekli ta' wara. Fl-1874 niltqgħu wkoll mal-murtaletti li ġew sparati nhar Corpus. Hekk kiteb il-Prokuratur Don Paolo Cachia Abela (1816 - 99) nhar it-8 ta' Ġunju ta' dik is-sena: A Giorgio Vella per lo sparo dei mortaletti del Corpus (10). Issa dan il-prokuratur kien saċerdot tal-affari tiegħu ħafna: diplomatiku, kappillan, membru tal-Kunsill tal-Gvern u benefattur tal-knisja parrokkjali. Wara xi snin li għadda f'Ruma, hu għamel żmien Protonotarju Appostoliku fil-gżira ta' Corfu', f'Malta sar kappillan tan-Naxxar, wara sar monsinjur tal-katidral, u għal darbtejn kien jirrappreżenta lill-kleru Malti fil-Kunsill tal-Gvern. Fl-1895 ħallas minn butu l-ispejjeż biex sar il-paviment ta' rħam tal-kappellun tal-Kurċifiss. F'Ġunju tal-1880 il-prokuratur tas-Sagrament ħallas lil Michele Scorfna scudi tre e grani sei per cinque rotoli e mezzo polvere da sparo (11).

## Festa lill-Inkwiżitur Mons. Gregorio Salviati

Il-Fratellanza tas-Sagrament ma kenitx tonfoq il-flus għal-logħob tan-nar fil-Festa ta' Corpus biss. Kien hemm diversi okkażjonijiet oħra fejn narawha tagħmel dan. Hekk, per eżempju, tant kienet ferħana illi l-Inkwiżitur Mons. Gregorio Salviati sar mhux biss membru, iżda ukoll rettur tagħha, illi għamlitlu festa meta hu pprofessa fratell fl-1757. Naqraw: Spesa fatta nella funzione e solennita' per la professione del Mons. Inquisitore Gregorio Salviati (12), meta prokuraturi kienu Ugolino u Salvatore Azopardo. Barra tnejn u għoxrin skud li nefqu fil-mużika, għaxar skudi għall-bukkett fjuri, erba' skudi għaż-żigarella tal-midalja, u scudo uno per due foglie di carta indorata, huma għamlu wkoll spejjeż għall-affitto delle mascoli (10 tari), portatura delli mortali (15 grani), soffarelli (skud wieħed u 6 tari), u polvere per i mortali (skudi 3). Interessanti li barra s-soliti maskli u murtali, hawn jissemmew ukoll is-suffarelli. Fi żmien Mons. Salviati, l-Inkwiżizzjoni ma kenitx għadha l-istituzzjoni tas-snin ta' qabel, lesta l-ħin kollu biex taqbad taħt difrejha u tikkastiga lil min jikser xi liġi t'Alla jew tal-Knisja, iżda kienet saret bil-bosta aktar inklinata biex tħenn u


Per di scudi due e tari undeci pagati per la festivita di Corpus Xpi — 2. 11. —
Per di scudi tre tari undeci e grani dieci pagati per polvere 3. 11. 10.

**OSSEWA L-PROKURATUR TAL-FRATELLANZA TAS-SAGRAMENT IĦALLSU "SCUDI TRE, TARI UNDICI E GRANI DIECI" GĦALL-POLURI FIL-FESTA TA' CORPUS CHRISTI TAS-SENA 1749**

taħfer milli biex tikkundanna.

## Il-Kwarnturi

Ċelebrazzjonijiet oħra li fihom il-Fratellanza tas-Sagrament kienet taħraq in-nar kienu dawk tal-Kwaranturi (quaranta ore) u l-jiem ta' l-Aħħar u l-Ewwel tas-Sena. F'Jannar tas-sena 1776, per la festa dell' Adorazione Perpetua nuovamente eretta, il-prokuratur tas-Sagrament ħareġ il-flus per soffarelli nella vigilia (13). Insibu li l-infiq ta' flus sar ukoll per sparare i mascoli nell'ultimo e primo dell' anno.

Dan kollu jurina illi l-ħruq tan-nar fl-antik ma kienx isir biss fil-Festa ta' Santa Katarina, iżda ukoll f'okkażjoniet li qatt ma kont tobsorhom, bħal festi f'ġieħ l-Ewkaristija Mqaddsa. Ovvjament ma kienx ikollhom, bħalma stajna naraw mis-siltiet qosra li kkwotajna, xi nar fuq skala hekk kbira bħalma jsir fi żmenijietna fil-festi tal-padruni parrokkjali. Il-logħob tan-nar tagħhom f'dawn l-okkażjonijet sekondarji kien limitat, u aktar kienu jfittxu li jonfqu l-flejjes kbar f'opri ta' l-arti biex bihom iżejnu l-knejjes tagħhom.

## Riferenzi


1. E. B. Vella, "Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk", p.49
2. Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 35, f.38
3. Idem, f.24
4. Idem, f.25
5. Idem, f.51
6. Idem, f.52
7. Ibidem.
8. Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 44, f.68
9. Idem, f.77
10. Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 10, f.40
11. Idem, f.73
12. Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 2a, ff.71, 77
13. Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 44, f.64



Brownrigg supplies & services

OFFICES & STORES
**16/18, Flagstone Wharf, Marsa.**
**Tel: 21 222 568 • Mob: 9942 7379**
**Fax: 21 220 711**

**IDUSTRIAL ELECTRICAL & MECHANICAL PRODUCTS.**

- ELECTRICAL CABLES
- XLPE ARMOURED CABLES
- CONDUIT PIPES
- SEAMLESS PIPES
- CRANE PIPE FITTINGS
- FIBRE GLASS INSULATION
- CABLES GLANDS & LUGS
- CABLE TRAYS
- GALVANISED PIPES
- PVC PIPES & FITTINGS
- WELDABLE PIPE FITTINGS
- VALVES & FLANGES